MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2015

Rikors Numru. 185/2015

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ippremettiet :

1. Illi hija zzewwget lill-intimat **<u>CB</u>**, nhar id-dsatax (19) ta' Novembru, tas-sena elf disa mija, tmienja u tmenin (1988), fil-kappella tal-Madonna ta' Lourdes, gewwa il-Furjana;
2. Illi l-partijiet sseparaw **<u>legalment permezz ta' sentenza datata s-sebgha u ghoxrin (27) ta' Gunju, tas-sena elfejn u erbatax (2014) pero ilhom separati *de facto* ghal madwar hmistax-il sena (15);</u>**
3. Illi fil-fatt ghaddew <u>ferm oltre minn erba' (4) snin mid-data tas-separazjzni bejn il-partijiet</u>, u ghalhekk ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom;
4. **Illi inoltre, ma hemm ebda pendenza ta' manteniment bejn ir-rikorrenti u l-intimat;**
5. Illi **<u>ghaldaqstant, jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghall-halla taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet AB u CB ;</u>**
6. Illi r-rikorrenti tixtieq tirriverti ghal kunjom xbutietha Farrugia;

Talbet sabiex l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara li z-zwieg taghha ma **CB celebrat nhar id-dsatax (19) ta' Novembru tas-sena elf disgha mija, tmienja u tmenin (1988),** mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi;
2. Konsegwentement tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan ikun hekk registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li permezz tieghu ikkonferma :

1. Illi l-esponent mhux qieghed jopponi ghat-talbiet tar-rikorrenti, b'dan illi huwa m'ghandux ibaghti l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;
2. Salv risposti ulterjuri fil-fatt u fid-dritt;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-8 ta' Mejju 2013;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta’ Gunju 2014, izda ilhom de facto separate ghal madwar hmistax-il sena;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe’ Farrugia, qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------